MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Numru. 656/2001

Il-Pulizija
(Spettur Jeffrey Cilia)
vs
Francis Zahra

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Francis Zahra, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 725655(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli id-29 ta' Ottubru 2001 f'Haz-Zebbug iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe' l-Principal Health Inspector Hadrian Bonello, waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-

hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fid-29 ta' Ottubru tas-sena 2001 l-Ispettur Cilia gie infurmat mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili illi fl-Ufficju tas-Sanita ta' Haz-Zebbug kienet ghadha kemm instabet ittra kontenenti xi trab suspettat li kien jikkontjeni l-marda tal-Antrex. L-Ispettur Cilia mar fuq il-post, mar fl-Ufficju tas-Sanita u hemm hekk sab lill-personnel tal-Protezzjoni Civili li kienu ghalqu t-triq u kienu dahlu gewwa biex jinvestigaw. Ftit tal-hin wara l-Ispettur Cilia gie infurmat illi l-ittra kienet giet issiggillata fil-plastik u ghalhekk huma setghu jidhlu ikellmu lill-impjegati. L-Ispettur Cilia tkellem mas-Sur Hadrian Bonello, l-Health Inspector li jahdem f'dan l-ufficju u s-Sur Bonello kien qal lill-Ispettur Cilia li dakinhar ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu kien wasal l-Ufficju, fetah u telgha fuq. Xi tletin minuta wara waslet Health Inspector ohra certa Stefania Borg u hi u tiela t-tarag rat ittra fuq wahda mit-targiet. Hija dahlet din l-ittra maghha fl-Ufficju. Din l-ittra kienet indirizzata lis-Sur Bonello u ghalhekk is-Sur Bonello fetahha. Meta is-Sur Bonello fetah din l-ittra hareg it-trab minnha, issuspetta li kienet xi ittra suspettata li kontenenti l-Antrax u ghalhekk huwa informa lil tal-Protezzjoni Civili u informa wkoll lill-Pulizija. Stefania Borg ukoll kellmet lill-Ispettur Cilia u ikkonfermat lill-Ispettur Cilia l-verzjoni li kien tah is-Sur Hadrian Bonello u l-Ispettur Cilia sar jaf illi z-zewg messagiera li jahdmu fl-istess ufficju u cioe' l-

imputat fuq imsemmi u certu Carmelo Gordon kienu qeghdin il-pjazza ta’ Haz-Zebbug, ftit ‘il boghod mill-ufficju jiehdu te fil-kazin tal-football li hemm fil-pjazza. Dak in-nhar l-Ispettur Cilia kien ghamel tfittxija fil-karozza tal-imputat, kif ukoll fil-karozza ta’ Carmelo Gordon. Fil-karozza tal-imputat huwa kien gabar notebook fejn kien hemm miktub xi ismijiet u telephone numbers. L-Ispettur Cilia tkellem mal-imputat wara li tah is-solita twissija. L-imputat ghall-ewwel innega li kellu x’jaqsam mal-ittra. Pero’ aktar tard l-Ispettur Cilia kien urih il-kitba li kien hemm fuq l-envelope ta’ din l-ittra u l-kitba li kien hemm fuq in-notebook illi l-Ispettur Cilia kien eleva mill-karozza tal-imputat u skond l-Ispettur Cilia il-kaligrafiija kienet taqbel u ghalhekk huwa kien qal lill-imputat, “Isma ahjar tammetti, ma inkabruhiex u ma jsirux l-ispejjez sabiex naghmlu t-testijiet barra minn Malta” u f’dak il-mument l-imputat ammetta li l-ittra kien ghamilha poggiha hu. L-imputat kien qal lill-Ispettur Cilia illi kien wasal ghax-xoghol, ipparkja u pogga l-ittra fuq it-tarag, umbaghad mar jiehu te. Mistoqsi ghalfejn ghamel hekk huwa qal lill-Ispettur Cilia li ried jaghmel cajta fuq il-principal tieghu. Rigward it-trab huwa informa lill-Ispettur li dak kien xi tip ta’ velenu ghan-nemel. L-imputat kompla jghid lill-Ispettur Cilia illi meta dahal l-ufficju u ra li kienu gew il-pulizija u li kienu gew tas-civil protection huwa beza u ma tkellimx ghaliex ra li kienet kibret. Huwa kompla jghid lill-Ispettur illi meta ra l-ittra fuq id-desk huwa kien anke qabadha b’idejh u mess it-trab b’idejh u l-imputat irilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn ammetta kollox. Fil-fatt l-Ispettur Cilia ikkonferma illi lanqas biss sar it-test ghall-Antrex barra minn Malta u ghalhekk gew evitati dawn l-ispejjez. L-Ispettur Cilia kompla jixhed illi l-imputat kien qallu illi qatt ma basar illi dak li kien ghamel kien ser johloq dan il-paniku kollu u meta irrealizza beda jghid bejnu u bejn ruhu, “Mamma mia, x’bicca gratli” u kienet din ir-raguni ghaliex fl-istadju inizzjali tal-interrogazzjoni kien cahad illi kien ghamel dak kollu ghaliex kien beza minhabba li beda umbaghad jirrealizza l-konsegwenzi ta’ dak illi kien ghamel. L-imputat kompla jghid ukoll fl-istqarrija tieghu illi l-ittra ma kienx inpostaha, izda kien qeghda b’idejh fuq it-tarag. Huwa qal illi dak li ried jaghmel kien li jaghmel cajta

lill-principal tieghu u li kieku ra lill-principal jiftah l-ittra kien jghidlu li kienet cajta.

Illi xehed is-Sur Hadrian Bonello u spjega li l-ittra kienet tathielu Stefania Borg. Kien fetah l-envelope, kien hareg trab ta' lewn griz car u cert li kemm hu u kemm Stefania kienu qalu, din zgur xi cajta. Pero' peress illi kellhom ordni mid-dipartiment stess li ma jistghux jittrattawha bhala cajta huma riedu jiehdu l-protezzjonijiet kollha u kien ghalhekk li cemplu lil tas-Civil Protection. Is-Sur Bonello kompla jixhed illi anke is-Sur Cordina tas-Civil Protection kien farfarlu l-iskrivanija u kien qallu, "Nahseb li din xi cajta". Is-Sur Bonello semma li fil-passat kellu xi inkwiet mal-imputat fis-sens illi l-imputat ma kienx jogghbu l-mod kif huwa kien qieghed iqassam id-doveri fl-ufficju. Kien hemm ukoll xi ghajjat u storbju fl-ufficju u huwa kien irrapporta lill-imputat lill-Bord tad-Dixxiplina u jaf li l-imputat kien wehel xi haga. Dan kollu kien gara fl-10 ta' Mejju tas-sena 2001. Is-Sur Bonello kompla jixhed illi meta fetah l-ittra inhasad, pero' meta ra l-kulur tat-trab qal, "Din xi cajta, cajta tal-Antrex". Mill-ewwel haseb fl-Antrex, pero' haseb li kienet cajta. Is-Sur Bonello kompla jixhed illi Stefania Borg kienet qaltlu illi gurnata qabel l-imputat kien qieghed ikellimha u kien qalilha li kien ser jaghmel xi cajta bi trab tal-briehed. Pero' ma kienx ser jaghmel din ic-cajta lilu, imma lil xi principal iehor. Stefania kienet qaltlu illi l-imputat kien qaghad jiccajta maghha u jghidilha dan id-diskors.

Illi xehdet Stefania Borg u ikkonfermat illi meta l-principal ra l-ittra hi ratu jinhasad, pero' mal-ewwel haseb illi kienet cajta. Stefania xehdet illi darba minnhom l-imputat kien qalilha illi kien qieghed jahseb li jaghmel cajta tal-Antrax lis-Sur Pace billi jibghatlu l-ittra bit-trab tal-briehed fiha. Hija spjegat illi is-Sur Pace kien principal iehor. Stefania xehdet illi meta fethet l-ittra ghall-ewwel hija inhasdet. Hija xehdet ukoll illi meta l-imputat kien qalilha illi kien ser jaghmel cajta, dan kien qalulha bid-dahka u ma hassitx il-bzonn li tirrappurtah u xehdet ukoll illi l-imputat ihobb jidhak u ihobb jiccajta.

Illi xehed Albert Tabone, engineer mad-dipartiment tal-protezzjoni civili u xehed illi meta hu u shabu raw l-ittra din ma kienitx ta' dak it-tip li s-soltu kienu qeghdin jigu ircevuti u ghalhekk kienu trattaw il-kaz b'mod differenti, gabru l-ittra issiggilawha f'borza tal-plastik u gabru wkoll it-trab li gie issiggillat f'borza tal-plastik ohra. Huwa xehed illi l-kulur tat-trab kien differenti ferm minn dak li kienu qeghdin jaraw normalment. It-trab kien ta' lewn griz car, minflok abjad. Pero' ghalihom il-kulur mhuwiex daqshekk indikattiv u irrealizzaw li ma kienitx bhal ittri l-ohrajn li kienu qeghdin jigu ircevuti peress illi l-ittra kienet giet imputata f'Malta u mhux barra minn Malta. Meta x-xhud u shabu tkellmu mal-Principal Head Officer, dan qalilhom li l-ittra setghet giet mill-Ufficju tieghu stess. B'hekk ikkonsultaw ruhhom mal-Ispettur Cilia li ha l-kaz f'idejh u kien umbaghad infurmahom li kien hemm xi hadd li kien ammetta li kien baghat l-ittra hu stess u ghalhekk ma sarx it-test tal-antrax. Ix-xhud kompla jghid illi inizzjalment kull kaz jigi trattat bl-istess mod jigifieri inizzjalment jigi trattat bhal li kieku kien kaz ta' suspett ta' tifrix tal-marda tal-Antrax.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat fuq imsemmi jinsab akkuzat talli iddenunzja lill-pulizija reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Jinsab akkuzat fit-tieni lok talli ingurja, hedded, jew ghamel offiza fuq il-Principal Health Inspector Hadrian Bonello, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Ikkunsidrat :

Illi dwar it-tieni akkuza dik kontemplata taht l-Artikolu 95 tal-Kap 9 il-Qorti tiddikjara li qeghda tillibera lill-imputat minn din it-tieni akkuza u dana peress illi bl-ebda mod ma giet ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Illi dwar l-ewwel akkuza, dik kontemplata mill-Artikolu 110 (2) tal-Kap. 9, l-Avukat Difensur jikkontendi li hemm neqsin zewg elementi essenzjali ta' dan ir-reat u cioe', fl-ewwel lok l-Artikolu 110 (2) jitkellem dwar min bil-qerq, johloq it-tracci ta' reat u d-difiza qeghda tikkontendi illi ma kien hemm l-ebda element ta' qerq da parti tal-imputat illi ghamel dak illi ghamel b'animus 'Jocandi' u mhux bid-"dolus". Effettivament il-Professur Mamo fin-Noti tieghu jitkellem dwar the specific malice jigifieri fuq il-mens rea li f'dan il-kaz tikkonsisti in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed. Il-Professur Mamo kif ikkontenda tajjeb l-avukat difensur jghid ukoll dwar propju dan ir-reat illi "the motive of the agent is almost always against some particular profit for himself as for instance to obtain time or other relief from his creditors, to cover up a misappropriation by simulating theft or a robbery."

Illi dwar dan il-punt l-Ufficjal Prosekutur jikkontendi illi l-imputat kien jaf illi dawn it-tipi ta' ittri ma kienux qeghdin jittiehdu b'cajta mill-awtoritajiet u fil-fatt kienu qeghdin isiru t-testijiet tal-Antrax barra minn Malta u ghalhekk ghalkemm seta' kellu l-intenzjoni illi jaghmel cajta effettivament ir-reat jissussisti peress illi l-imputat kien jaf illi dawn it-tip ta' ittri kienu qeghdin jittiehdu bis-serjeta u kien qed jinholoq hafna inkonvenjent u kienu qeghdin isiru wkoll hafna spejjez.

Illi l-Qorti trid tara jekk tezistix fil-fatt l-intenzjoni tal-imputat sabiex bil-qerq johloq it-tracci ta' reat.

Illi l-Qorti tibda sabiex tghid illi f'dan it-tip ta' reat l-intenzjoni mhijiex prezunta, izda trid tigi ippruvata jigifieri apparti mill-actus reus, irid jigi ippruvat ukoll il-mens rea da parti tal-imputat.

Illi mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur a fol. 26 tal-process jirrizulta illi l-istess Ufficjal Prosekutur kien ikkonfronta lill-imputat u spejgalu illi ahjar l-affarijiet ma jikbrux, lanqas haqq isir hela ta' flus, u lanqas haqq li jsiru t-testijiet jekk ma hemmx antrax fin-nofs u kien hemm hekk illi fil-fatt l-

imputat ammetta li l-ittra kien ghamilha hu. L-imputat kien qal lill-Ufficjal Prosekutur meta dana staqsih ghalfejn ghamel din il-haga, "Ridt naghmel cajta fuq il-principal tieghi".

Illi hija ferm rilevanti wkoll dak illi qal l-imputat fl-istqarrija tieghu a fol. 30 tal-process. "Nixtieq nghid illi jiena ridt naghmel cajta lill-principal tieghi u kieku ilhaqtu jiftahha kont nghidlu li kienet cajta."

Jirrizulta ghaldaqstant bl-aktar mod car illi appena l-Ufficjal Prosekutur qallu illi kien ser isir hela ta' flus u jsiru t-testijiet l-imputat mal-ewwel ammetta illi kien hu u dana proprju ghaliex ried jevita illi jsiru l-ispejjez u li jikbru l-affarijiet u mistoqsi ghalfejn ghamel hekk, mistoqsi x'kienet l-intenzjoni tieghu huwa mill-ewwel qal illi huwa ghamel hekk b'cajta.

Illi li kieku verament l-imputat kellu l-intenzjoni kif semma l-Ufficjal Prosekutur sabiex iqarraq bl-amministrazzjoni tal-gustizzja, li kieku verament kellu dan id-dolus huwa ma kienx jammetti illi kien hu u kien ikollhom bil-fors isiru t-testijiet tas-soltu. Mentri huwa tant ma riedx illi jintefqu spejjez u li l-affarijiet jikbru, proprju ghaliex l-intenzjoni tieghu kienet kif mill-ewwel qal lill-Ufficjal Prosekutur illi jaghmel cajta, illi affacjat b'dik is-sitwazzjoni, meta irrealizza li l-affarijiet kienu ser jikbru, mal-ewwel ammetta illi kien hu. L-Ufficjal Prosekutur ikompli jghid a fol. 27 tal-process illi l-imputat qallu illi huwa qatt ma basar illi dak li ghamel kien ser johloq dak il-paniku kollu u meta irrealizza beda jghid, "Mamma mia x'bicca gratli". Illi din hija x-xhieda mhux tal-imputat, imma tal-istess Ufficjal Prosekutur, u minnha jirrizulta car daqs il-kristal illi l-imputat ma kellu l-ebda intenzjoni specifika sabiex bil-qerq johloq it-tracci ta' reat.

Ghaldaqstant una volta dan l-element essenzjali biex jigi ippruvat dan ir-reat huwa nieqes il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni, htija u piena.

--------------------------------TMIEM-------------------------------